**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
**10 ta' Settembru, 2023**

# TQERR GĦANDU?

Fit-30 ta' Settembru li ġej il-Papa Franġisku se jaħtar 21 kardinal ġdid, li ħafna minnhom ġejjin mill-periferiji tal-Knisja. Wieħed minn dawn il-kardinali huwa l-patri kapuċċin LUIS DRI, li għandu 97 sena u li kompla għadda ħajtu jqarar, anke wara li rtira fl-2007. Il-post fejn kellu l-konfessjonarju kien fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei, ġewwa l-belt ta' Buenos Aires, fl-Arġentina.

Il-Papa Franġisku darba minnhom qal hekk fuq dan il-Kapuċċin li l-Papa jafu sewwa: "Darba minnhom ġie fejni meta jien kont għadni Arċisqof ta' Buenos Aires." Huwa qalli, "ġejt fejnek għall-għajnuna. Jien ikolli tant nies li jiġu jqerru għandi... Jien naħfer lil kulħadd imma xi drabi ninkwieta għax inħossni qiegħed naħfer iżżejjed". Il-Papa hawnhekk saqsih x'jagħmel meta jiskrupla għax ikun ħafer "iżżejjed". U Patri Luis wieġeb lill-Arċisqof ta' Buenos Aires, "Jien immur quddiem it-tabernaklu u lil Ġesù ngħidlu, 'Skużani talli ħfirt iżżejjed. Imma ħa ngħidlek Ġesù, kont int stess li tajtni eżempju ħażin'!"



Kemm hija grazzja kbira li wieħed jemmen fil-qrar. Ma ninsewx li l-qrar huwa sagrament li waqqaf Ġesù stess għalina. Nitolbu biex ikollna l-fidi fir-rigal li tana Ġesù u jkollna wkoll l-umiltà sabiex nersqu nqerru.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## L-AVVIŻI:

**JUM IL-LEĠJUN TA' MARIJA**
**STEDINA GĦAT-TFAL U L-ADOLEXXENTI SAT-18-IL SENA**

Ser tiġi organizzata attività għat-tfal u l-adolexxenti sabiex niċċelebraw Jum il-Leġjun ta' Marija, nhar **il-Ħamis, 14 ta' Settembru, 2023.** L-attività tibda **fis-6:00pm** bir-rużarju u quddiesa minn Mons. Salv Grima, fis-Sala Parrokkjali tan-Nadur u wara logħob divertenti għal kull età fil-Belveder ta' Fatima fejn jitqassam anke l-ikel.

Tfal u adolexxenti ġodda interessati jsiru jafu iktar fuq il-Leġjun ta' Marija huma mistiedna jattendu wkoll billi jikkuntattjaw lill-membri tal-Leġjun jew iċemplu fuq in-numru 99871097.

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET:** qed jitolbu għajnuna volontarja fit-tindif tal-qasam tagħhom. Dawk interessati jkellmu lis-Superjura fuq il-mobile, 79551711.

**ROKNA EKOLOĠIKA: Il-pulmun tal-Mediterran**

Meta mmorru f'xi bajja b'ħafna alka fuq ix-xatt, niddejqu għax teħel magħna. imma l-alka li tikber fil-baħar Mediterran tissejjaħ il-pulmun ta' dan il-baħar. Dan għaliex din l-alka meta tkun qed tikber fil-baħar, kapaċi tipproduċi 20 litru ossiġnu għal kull metru kwadru. Barra minn hekk, l-alka ħajja taħżen il-carbon dioxide u hekk tnaqqas mit-tisħin globali (global warming).

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am